# Apprezzament:

## Mons. Ġużepp Curmi (1927-2011)

DUN GIOVANNI CURMI

Mons. Ġużepp Curmi mill-Munxar, Għawdex twieled is-Sibt 15 ta' Ottubru 1927 minn Ġamri Curmi (mill-Munxar) u Ġorġa née Attard (mir-Rabat), l-iżgħar fost tliet aħwa ħajjin. Beda jitgħallem l-iskola primarja Ta' Sannat, u kompla standard five fl-iskola primarja Ta' Kerċem. Kompla l-istudji tiegħu fil-Liċeo r-Rabat u mbagħad daħal intern fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù. Huwa rċieva l-Griżma tal-Isqof nhar id-19 ta' Jannar 1936.

Mons. Curmi ġie ordnat saċerdot flimkien ma' erba' kandidati oħra (illum ilkoll mejta) il-Ħadd 26 ta' April 1953 minn Mons. Isqof Ġużepp Pace. Iċċelebra l-ewwel quddiesa fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Margerita, Ta' Sannat.

Fl-ewwel snin wara l-ordinazzjoni tiegħu Mons. Curmi kien jgħin fil-parroċċa Ta' Sannat, li minnha f'dawk iż-żminijiet il-Munxar kien jifforma parti. Meta fl-1957 il-Munxar sar parroċċa għalih, Mons. Curmi beda jagħti s-servizz tiegħu lil din il-parroċċa ġdida ta' raħal twelidu.

Fl-1960 l-Isqof Pace sejjaħ lis-saċerdot żagħżugħ Dun Ġużepp biex jaqdi l-uffiċċju ta' rettur tal-knisja tax-Xlendi. Peress li l-kappella kienet waħda ċkejkna, u billi fis-sajf il-popolazzjoni kienet tiżdied sew, Dun Ġużepp beda jaħseb għall-pjanti u permessi biex ikabbar din il-kappella mingħajr ma jitlef xejn mill-oriġinal tagħha. Bl-għajnuna ta' diversi benefatturi, Dun Ġużepp bena knisja ġdida








li tintegra l-kappella l-antika fid-daħla tal-knisja l-ġdida. Ix-xogħol fuq it-tkabbir tal-Knisja sar bejn is-snin 1969-1972. Kien hu stess li s-Sibt, 1 ta' Lulju 1972, qaddes l-ewwel quddiesa fil-knisja mkabbra li mbgħad tbierket nhar il-Ħadd, 3 ta' Settembru 1972, u ġiet ikkonsagrata nhar is-Sibt, 10 t'Awwissu 1974 mill-Isqof t'Għawdex, Mons. Nikol Ġ. Cauchi. Dam rettur sas-sena 1975. Matul ir-rettorat tiegħu huwa kabbar ħafna d-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu, titular tal-knisja. Opra oħra li wettaq kienet l-istatwa titulari tal-Madonna tal-Karmnu magħmula f'Milan, l-Italja fis-sena 1965.

Matul dawn l-istess snin l-Isqof Pace ħatru bħala Kappillan tal-Kor tal-Kapitlu tal-Katidral ta' Għawdex, fejn imbagħad sar Ċerimonier tal-Isqof, l-ewwel tal-Isqof Pace u wara tal-Isqof Cauchi. Fis-sena 1975 l-Isqof Cauchi ħatar lil Dun Ġużepp bħala Kanoniku Kapitulari tal-Katidral, fejn okkupa diversi karigi, l-aħħar waħda ta' Penitenzier, li baqa' jaqdi sa mewtu.

Għad li x-xewqa oriġinali tiegħu li jmur il-missjoni ma wettaqha qatt, Mons. Curmi ħadem kemm felaħ f'diversi oqsma, speċjalment fix-xandir tal-Kelma u fil-qrar. Kien predikatur imfittex ħafna, speċjalment għall-paniġierki, kemm f'Għawdex kif ukoll f'Malta. Fl-1966 beda jieħu sehem fil-Missjoni Djoċesana u baqa' jikkoordina din il-ħidma sas-sena 2006.

Fost il-ħidmiet li ġie fdat bihom, Dun Ġużepp għamel diversi snin direttur tal-"Orphans' Press" (illum il-Gozo Press). Hu kien uffiċċjal fil-Kurja Djoċesana għal diversi snin, u kien responsabbli mill-patrimonju ekkleżjastiku tad-Djoċesi ta' Għawdex. Nhar it-22 ta' Awwissu 1969, hu nħatar rappreżentant ta-Djoċesi ta' Għawdex fil-Kumitat għar-Riforma tal-Amministrazzjoni Ekonomika tal-Beni Mobbli u Immobbli tal-Arċidjoċesi ta' Malta u tad-Djoċesi ta' Għawdex, kumitat propost mis-Santa Sete taħt il-presidenza ta' Luigi Ligutti, Viżitatur Apostoliku.

Għal madwar xahar kien amministratur parrokkjali tal-parroċċa tal-Madonna ta' Loreto f'għajniesel, bejn il-parrokat ta' Mons. Spedit Tabone u Mons. Ġużepp Zerafa fl-1981. Għal diversi snin sa jum mewtu kien Rettur tal-Knisja ta' San Ġakbu, u ħa ħsieb il-bini mill-ġdid tal-Knisja.

Fost it-tifkiriet speċjali li Mons. Curmi baqa' jgħożż kien hemm il-konsagrazzjoni tal-Isqof Cauchi bħala Awżiljarju u Amministratur Apostoliku ta' Għawdex, il-funeral tal-Isqof Pace u l-Ingress tal-Isqof Cauchi fil-Katidral, peress li kien iċ-ċerimonier djoċesan.

Mons. Ġużepp Curmi miet fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex il-Ħadd filgħodu 6 ta' Frar 2011, wara marda qasira ħafna. Il-funeral tiegħu sar fil-knisja parrokkjali ta' San Pawl, il-Munxar, it-Tlieta 8 ta' Frar, ftit jiem qabel il-festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl, li Mons. Curmi tant kien iħobb, u ġie midfun fil-qabar tal-familja tiegħu fiċ-Ċimiterju Santa Margerita, Ta' Sannat.